

Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar ir-Regolament tal-Kummissjoni li jstabilixxi Regjistru tal-Unjoni għall-perjodu ta' negozjar li jibda mill-1 ta' Jannar 2013, u għal perjodi ta' negozjar sussegwenti, tal-iskema tal-Unjoni għan-negozjar ta' emissjonijiet

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab fil-lingwi EN, FR u DE fuq is-sit elettroniku tal-KEPD <http://www.edps.europa.eu>)

(2012/C 335/07)

1. Daħla

1.1. Sfond

1. Fit-18 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1193/2011 li jstabilixxi Regjistru tal-Unjoni għall-perjodu ta' negozjar li jibda mill-1 ta' Jannar 2013, u għal perjodi ta' negozjar sussegwenti, tal-iskema tal-Unjoni għan-negozjar ta' emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2216/2004 u (UE) Nru 920/2010 (ir-“Regolament”).⁽¹⁾ Ir-Regolament inbagħat lill-KEPD għal konsultazzjoni fl-istess data.

2. Diġà qabel l-adozzjoni tar-Regolament, il-KEPD ingħata l-possibbiltà li jipprovdi kummenti informali. Uħud minn dawn il-kummenti ttieħdu f'kunsiderazzjoni fir-Regolament, u l-KEPD jinnota li, b'riżultat ta' dan, is-salvagwardji għall-protezzjoni tad-dejta komplew jissaħħu.

3. Il-KEPD jilqa' l-fatt li huwa qiegħed jiġi kkonsultat b'mod formali mill-Kummissjoni u li hija inkluża referenza għall-Opinjoni preżenti fil-preambolu tal-istrument adottat.

1.2. L-objettivi u l-ambitu tar-Regolament

4. Is-Sistema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (“ETS”) hija waħda mill-politiki li ġew introdotti madwar l-Unjoni Ewropea (“UE”) biex jgħinu ħalli jintlaħqu l-miri tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont il-Protokoll ta' Kjoto. L-ETS toħloq sistema ta' konformità għall-operaturi u għandha l-għan li tiżgura li l-emissjonijiet jiġu llimitati b'mod effettiv madwar l-UE.⁽²⁾

5. Mill-1 ta' Jannar 2013, ir-Regolament sejjer jemenda u jissostitwixxi r-Regolamenti tal-Kummissjoni preċedenti dwar is-suġġett, b'mod partikolari, ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2216/2004 u (UE) Nru 920/2010⁽³⁾, li t-tnejn li huma kienu ġew adottati biex jipprovdu r-regoli “għal sistema standardizzata u sikura ta' reġistri”.

6. Waħda min-novitajiet ewlenin li ġew introdotti permezz tar-Regolament hija t-twaqqif, sa mill-2012, ta' Regjistru tal-Unjoni ċentralizzat, minflok is-sistema preċedenti ta' kombinazzjoni ta' reġistri nazzjonali.

7. Ir-Regjistru tal-Unjoni u l-hekk imsejjaħ Regjistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (jew “EUTL”), li kien diġà implimentat fil-livell tal-UE, huma żewġ subsistemi ospitati u mħaddma mill-Kummissjoni Ewropea. Huma għandhom żewġ funzjonijiet differenti iżda huma sistemi kumplimentarji.

8. Ir-Regjistru tal-Unjoni fih il-kontijiet tal-atturi involuti fl-ETS (eż. kontijiet ta' depożitu tal-operaturi, kontijiet ta' depożitu ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru, kontijiet ta' negozjar, kontijiet ta' bejgħ b'irkant) u jirreġistra t-tranżazzjonijiet li jsiru bejn il-kontijiet. Għalhekk, ir-Regjistru tal-Unjoni huwa regjistru elettroniku ċentrali fil-livell tal-UE maħsub biex jappoġġja n-negozjar tal-emissjonijiet mid-detenturi tal-kontijiet fl-Istati Membri u bejniethom.

9. Min-naħa l-oħra, l-EUTL jirreġistra l-allokkazzjonijiet, it-trasferiment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet ta' CO₂ fl-UE u jiċċekkja l-konsistenza u l-koerenza ta' ċerti operazzjonijiet.

⁽¹⁾ ĠU L 315, 29.11.2011, p. 1.

⁽²⁾ Għal aktar tagħrif dwar l-ETS, ara http://ec.europa.eu/clima/publications/docs/ets_mt.pdf

⁽³⁾ ĠU L 386, 29.12.2004, p. 1 u ĠU L 270, 14.10.2010, p. 1.

2. L-objettivi u l-istruttura tal-opinjoni tal-KEPD

10. Filwaqt li l-għan ewlieni tar-Regolament mhuwiex l-ipproċessar ta' dejta personali, madankollu, ir-Regolament jesiġi l-ipproċessar ta' dejta personali, inkluż informazzjoni dwar ir-rekord kriminali u informazzjoni dwar attivitajiet kriminali suspettużi. Din id-dejta tiġi pproċessata biex jiġi żgurat li l-kontijiet ma jintużawx ħażin għal attivitajiet kriminali.

11. Id-dejta personali tista' tkun relatata ma' individwi li jaġixxu f'isem id-detenturi tal-kontijiet, bħad- "diretturi" u r-rappreżentanti awtorizzati tagħhom. Barra minn hekk, id-detenturi tal-kontijiet infushom jistgħu jkunu wkoll persuni fiżiċi. Jekk ikun hekk, id-dejta personali tagħhom tista' tiġi pproċessata wkoll. Minbarra dan, tinġabar ukoll xi dejta dwar is-sidien benefiċjarji tad-detenturi tal-kontijiet, li min-naħa tagħhom jistgħu jkunu individwi. ⁽¹⁾

12. Fid-dawl tad-dejta personali li ta' spiss tkun sensittiva u li jeħtieġ li tiġi pproċessata skont ir-Regolament, il-KEPD jirrakkomanda li għandhom jiġu stabbiliti salvagwardji adegwati għall-protezzjoni tad-dejta fir-Regolament.

13. Meta wieħed iqis li r-Regolament diġà ġie adottat, l-għan primarju ta' din l-Opinjoni huwa li tgħin biex jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet tal-KEPD jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta jiġi emendat ir-Regolament, li huwa previst għall-aħħar tal-2012.

14. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjonijiet ipprovduti fl-Opinjoni jistgħu jservu wkoll bħala gwida għall-Kummissjoni u għall-amministraturi nazzjonali meta jiġu biex jimplimentaw is-salvagwardji meħtieġa għall-protezzjoni tad-dejta fil-livell prattiku. Għal aktar dettalji dwar l-implimentazzjoni prattika, ara l-paragrafi 41-43 li jitolbu għat-tħejjija ta' politika komprensiva dwar il-protezzjoni tad-dejta, il-paragrafu 36 dwar miżuri prattiki oħrajn bħal menus ta' għajnuna u messaġġi ta' twissija fir-Reġistru tal-Unjoni, kif ukoll materjal ta' taħriġ, u l-paragrafu 40 dwar id-dokumentazzjoni tas-sistema u l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni fuq is-sit elettroniku tar-Reġistru tal-Unjoni.

15. It-Taqsima 3 ta' din l-Opinjoni tiddekrivi fil-qosor liema dejta personali għandha tiġi pproċessata skont ir-Regolament, b'enfasi fuq id-dejta sensittiva. Din id-deskrizzjoni hija meħtieġa biex ir-rakkomandazzjonijiet ipprovduti fit-Taqsimiet 4-12 ta' din l-Opinjoni jitpoġġew fil-kuntest. It-Taqsima 4 titlob għal aktar kjarifiki dwar liema dejta personali tiġi pproċessata skont ir-Regolament, min jipproċessa tali dejta u fejn tinħażen din id-dejta, b'enfasi, għal darba oħra, fuq id-dejta sensittiva. It-taqsimiet 5-12 jinkludu r-rakkomandazzjonijiet li jifdal tal-KEPD, filwaqt li t-Taqsima 13 tiddekrivi l-konklużjonijiet tiegħu.

13. Konklużjonijiet

77. Il-KEPD jirrakkomanda li r-Regolament għandu, meta jiġi emendat, kif previst, aktar tard fl-2012:

- jikkjarifika aktar liema dejta personali għandha tiġi pproċessata skont ir-Regolament, u liema dejta personali għandha tinħażen u tiġi pproċessata fir-Reġistru tal-Unjoni u fl-EUTL. B'mod partikolari, il-KEPD sejjer jilqa' dispożizzjoni ġenerali fir-Regolament li tgħid li ebda kategorija speċjali ta' dejta personali ma għandha tiġi rreġistrata fl-EUTL u fir-Reġistru tal-Unjoni (it-Taqsima 4);
- jistabbilixxi b'mod ċar jekk l-amministratur ċentrali huwiex sejjer ikun parti mill-Kummissjoni Ewropea, jekk huwiex sejjer ikun istituzzjoni/aġenzija/korp oħra/ieħor tal-UE, jew inkella entità organizzata skont il-liġijiet ta' wieħed mill-Istati Membri (it-Taqsima 5);
- jirrikjedi l-adozzjoni ta' politika dwar il-protezzjoni tad-dejta biex jiġu allokati l-kompiti u r-responsabbiltajiet (it-Taqsima 6);
- jiddefinixxi b'mod aktar speċifiku l-għanijiet tal-aċċess għad-dejta minn partijiet terzi, inkluż mill-Euro-pol, u jipprovdri salvagwardji adegwati għall-anonimizzazzjoni f'każ ta' estrazzjoni tad-dejta (it-Taqsima 7);

⁽¹⁾ Ara t-Taqsima 3 ta' hawn taħt għal aktar dettalji dwar il-kategoriji ta' dejta, inkluża dejta sensittiva, li tiġi pproċessata skont ir-Regolament.

- jipprojbixxi l-pubblikazzjoni ta' dejta sensitiva (it-Taqsima 8);
- jiġi emendat fir-rigward tal-perjodi ta' żamma biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti taż-żamma tad-dejta jkunu konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta (it-Taqsima 9);
- jiżgura li jiġi pprovdut avviż adegwat lis-suġġetti tad-dejta dwar il-fatt li huma tpoġġew fuq 'lista sewda' u li jeżisti mekkaniżmu maħsub biex jiżgura d-drittijiet ta' aċċess tas-suġġetti tad-dejta, kif ukoll li l-informazzjoni inkluża fil-lista sewda tkun preċiża u aġġornata; jiżgura perjodi ta' żamma adegwati, limiti fuq l-aċċess u limiti fuq l-għanijiet li għalihom tista' tintuża l-lista sewda (it-Taqsima 10);
- jipprojbixxi t-trasferimenti ta' dejta personali sensitiva barra mill-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari, fir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet Internazzjonali (it-Taqsima 11); u
- jipprovdi kjarifiki addizzjonali dwar is-sigurtà u l-kontabilità (verifiki) (it-Taqsima 12).

78. Minbarra dan, il-KEPD jirrakkomanda li l-kummenti tiegħu jiġu kkunsidrati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri meta jiġu biex jimplimentaw is-salvagwardji meħtieġa għall-protezzjoni tad-dejta fil-livell prattiku. Dawn jistgħu jinkludu l-adozzjoni ta' politika dwar il-protezzjoni tad-dejta, il-provvista ta' informazzjoni fuq is-sit elettroniku tar-Reġistru tal-Unjoni, miżuri prattiċi oħrajn bħal menus ta' għajnuna u messaġġi ta' twissija fir-Reġistru tal-Unjoni, kif ukoll il-provvista ta' materjal ta' taħriġ.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Mejju 2012.

Giovanni BUTTARELLI
Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni
tad-Dejta
